MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 237/2000/1

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**vs**

**Angelo Schembri**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u tlieta u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm273.50), bilanc ta' somma akbar rapprezentanti flus f'ghajnuna socjali mhallsa lill-konvenut indebitament ghall-perjodu bejn is-6 ta' Settembru 1997 u t-28 ta' Novembru 1997 u dan peress li l-introjtu ta' mart il-konvenut minn impjieg part-time ma giex imnaqqas mill-ghajnuna socjali mhallsa lill-konvenut (vide Dok DSS 1).

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar 1999 u bl-imghax legali mid-data tal-avviz sad-data tal-

pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness dokument markat Dok DSS1 a fol 2 tal-atti kif ukoll in-nota tal-attur a fol 28 tal-istess atti u li biha l-ammont mitlub gie ridott ghal Lm240.20,0.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont kif ridott u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3)(b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-3 ta' Marzu 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm240.20,0 bl-imghax legali mit-8 ta' Frar 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar 1999.

--------------------------------TMIEM--------------------------------